MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2008

Mandat Numru. 1344/2008/1

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Settembru, 2008**
**Kawza Numru**
**Rikors numru: 1344/2008**
Dok 134-08

**Active Enterprises Limited**

**vs**

**Kumissarju ta' l-artijiet.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors li bih ir-rikorrenti talbu li dina l-Qorti zzomm lill-intimat milli jesegwixxi l-ordni notifikata lis-socjeta rikorrenti biex fi zmien tlett ijiem tnehhi l-billboards li

hemm f’Triq Dicembru 13, Marsa. Is-socjeta rikorrenti ippremettiet li hija ghandha l-permessi tal-MEPA ghall dawn il-Billboards kif ukoll qed thallas lill Kunsill Lokali tal-Marsa flus biex twahhal ir-reklami fuq il-Billboards u lill Enemalta ghall-konsum ta’ l-elettriku tal- Billboards.

L-intimat wiegeb li l-Billboards qeghdin fuq art tal-Gvern minghajr permess, u li l-permess tal-MEPA kien soggett ghall-kondizzjoni li l-ewwel kellu jigi ottjenut l-permess ta’ sid l-art, cjoe ta’ l-intimat, u wara johrog il-permess tal Mepa izda permess ta’ l-intimat qatt ma ntalab jew inghata. Wiegeb ukoll li l-Kunsill Lokali m’ghandu ebda gurisdizzjoni fuq toroq principali u m’ghandu ebda awtorita’ li jippermetti twahhil ta’ billboards imma biss twahhil ta’ reklami ma’ ghamara tat-toroq li tkun proprejta’ tal-Kunsill Lokali. Finalment l-intimat irrileva li l-ebda hlas ta’ kont ta’ dawl ma jikkonvalida titolu ghall-immobbili.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:
Rat il-verbal tas 17 ta’ Settembru 2008 fejn il-partijiet qablu li l-Billboards li qed jintalbu li jigu rimossi huma dawk bin-numru 2 sa 5 fid-Dok ED2 ezibit.

**Ligi**

Skop tal-mandat.

**873. (1)** L-iskop tal-mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun, li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Ezami tal-qorti.

**(2)** Il-qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa *mehtieg* sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet**.**

Ghalhekk iz-zewg elementi rikjesti biex jinhareg il-mandat huma li r-rikorrent juri li jidher li hu ghandu, mad-daqqa

t'ghajn **(prima facie) jedd** x'jikkawtela u li **l-mandat hu mehtieg** biex jithares dan il-jedd.

Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternativi, jigifieri li jekk wiehed minn dawn iz-zewg elementi huma nieqes, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal-hrug tal-mandat.
Il-mandat ta' inibizzjoni huwa wiehed mill-atti intizi biex jikkawtela d-dritt u trid ghalhekk tinzamm distinzjoni netta bejn l-att kawtelatorju u d-dritt kawtelat. Il-fatt li tintlaqa' t-talba ghal-hrug tal-mandat ma jfissirx li l-jedd fil-mertu huwa ppruvat, bhalma lanqas ifisser li l-fatt li l-mandat ma jintlaqx, il-jedd pretiz mir-rikorrent ma jezistix. L-allegat dritt jista' jigi dibattut f'sede apposita fejn il-mertu jigi ezaminat indipendentement mill-procedura tal-mandat.

Il-mandat ta' inibizzjoni bhala provediment legali huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali. Billi l-mandat isir fi zmien meta l-pretensjoni ghad ma tkunx gudizzjarjament accertata u stabbilita, id-disposizzjonijiet tal-ligi dwarhom ghandhom jircevu interpretazzjoni rigoruza.

**Konsiderazzjonijiet**

Fil-kaz in ezami jirrizulta pruvat li l-art li fuqha qeghdin il-billboads li qed issir oggezzjoni ghalihom huma fuq art tal-Gvern. Jirrizulta wkoll li ma ntalab u lanqas inghata permess mill-Kummissarju ta' l-Art biex jitqieghdu dawn il-Billboards.

L-intimat ordna lir-rikorrenti biex inehhu dawn il-Billboards li qeghdin hemm minghajr permess izda r-rikorrent ipprocedew b'dana l-mandat billi qed jippretendi li ghandhom il-permessi necessarji u li qed jhallsu lill Kunsill Lokali tal-Marsa ghall dawn il-Billboards.

Illi jidher prima facie li, la l-fatt li r-rikorrenti qed ihallsu lill Kunsill Lokali u lanqas il-permess tal-Mepa ma jaghtu ebda dritt lir-rikorrenti li jokkupaw l-art u jippretendu xi titolu fuq l-art ta' l-intimat. Il-permess ta' l-intimat kien sine

qua non u kienet l-ewwel haga li r-rikorrenti kellhom jottjenu qabel ipprocedew bl-investiment taghhom.

Illi hu principju li mandat ta' inibizzjoni m'ghandux jinhareg semplicement sabiex ma jigux sofferti danni kif qed jippretendu r-rikorrenti. Mandat simili mhux necessarju biex id-dritt vantat f'dan ir-rigward mir-rikorrenti jigi konservat, in kwantu li f'kaz ta' ezitu favorevoli fil-mertu r-rikorrenti dejjem ghandhom dritt li jirreklamaw id-danni. (ara Melita Cable plc vs Maltacom plc 4294/99 deciz 11/10/1999; Xuereb v Hili 3135/94; Dr.Borg Grech vs J.Gasan 3984/92 u Mizzi v Gasan 4216/92).

Inoltre biex jinhareg il-mandat irid jigi pruvat li jekk ma tintlaqx it-talba ghall-hrug tal-mandat ir-rikorrenti ser isofru pregudizzju rrimedjabbili. Fil-kaz in ezami pero' r-rikorrenti ma huma se jbatu ebda pregudizzju rrimedjabbili billi jekk huma jagixxu gudizzjarjament u jippruvaw il-pretenzjoni taghhom, u jkollhom ezitu favorevoli, huma facilment jistghu jigu pjenament reintegrati fid-drittijiet taghhom.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Peress illi ma jirrizultax li r-rikorrenti ghandhom prima facie dritt x'jikkawtelaw b'dan il-mandat;
Tirrevoka kontratrio imperio id-degriet precedenti taghha ta' 1 ta' Settembru 2008;
U tichad it-talba;
Spejjez ghar-rikkorrenti;
Salv kull dritt iehor spettanti lir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------